MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 21/2009

**A B**

**-vs-**

**C D B;**
**B'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Frar 2009, C D B giet nominata bhala kuratrici deputata sabiex tirraprezenta lill-minuri E B; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti A B u C D B huma mizzewgin u legalment separati minn xulxin, in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument A, wara li precedentement

kienu diga’ sseparaw legalment minn ma’ xulxin in forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat hdax (11) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Coppini, u sussegwentement kienu rrikonciljaw.

Illi waqt iz-zwieg tal-partijiet, l-intimata welldet zewgt itfal li ghadhom minuri u li jisimhom E u F, li ghandhom tlettax (13)-il sena u tmien (8) snin rispettivament.

Illi hu pacifiku bejn il-partijiet illi l-minuri E ma hux l-iben naturali tar-rikorrent stante li dan twieled minn relazzjoni extra-matrimonjali li l-intimata kellha ma’ terza persuna, u dan il-fatt hu maghruf ukoll lill-istess minuri.

Illi r-rikorrent ma jridx illi jibqa’ jidher li hu iben il-minuri fuq ic-certifikat tat-twelid – certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dokument B – u ghaldaqstant billi jrid jichad milli jaghraf lill-minuri E B bhala ibnu naturali, kellha ssir din il-kawza.

Illi in forza ta’ digriet tas-7 ta’ Novembru 2008, kopja annessa u mmarkata bhala Dokument C, din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lir-rikorrent sabiex jipprocedi f’din l-istanza, peress li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur minn meta hu nduna li l-imsemmi minuri ma kienx ibnu qabel intavola proceduri legali.

Ghaldaqstant, l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara li l-minuri E B m’huwiex il-wild naturali tar-rikorrent u li r-rikorrent m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.

Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri E B, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem “A B”, in-numru tal-karta tal-identita’ tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tar-rikorrent, l-eta’, il-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent, u jekk l-

imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk jehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C D B li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-4 ta' Frar 2009 li permezz tieghu giet nominata C D B bhala kuratur tal-minuri E B.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet tas-7 ta' Novembru 2008 li permezz tieghu A B gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza minkejja t-trapass tal-perjodu preskritt mil-ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D B fejn din eccepiet:

Illi preliminarjament tikkonferma li hija mizzewga lil A B u li huma legalment isseparati permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Ian Spiteri datat l-14 ta' Marzu tas-sena 2008;

Illi l-esponenti taqbel ukoll li precedentement, il-partijiet kienu sseparaw legalment fis-sena 1999 permezz ta' kuntratt datat il-11 ta' Frar tas-sena 1999 fl-Atti tan-Nutar Dr. Mark Coppini u sussegwentement irrikonciljaw;

Illi l-esponenti tikkonferma ukoll li hija omm taz-zewg ulied bl-ismijiet E u F u li huma minuri;

Illi kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrent, m'huwiex minnu li huwa pacifiku bejn il-partijiet u/jew bejn terzi u aktar u aktar lill-minuri E B li l-istess minuri m'huwiex iben ir-rikorrent;

Illi *di piu'* jigi rilevat li l-minuri E B twieled fiz-zwieg;

Illi tul il-hajja mizzewga u turbolenti tal-partijiet, l-esponenti dejjem kienet sinciera dwar ir-relazzjoni extra-konjugali li

hija kellha izda sal-gurnata odjerna ma tezistix ic-certezza dwar min huwa fattwalment missier E B u dan stante li kif diga' gie rilevat, il-minuri twieled fiz-zwieg u jista' jkun ukoll iben ir-rikorrent;

Illi ghalhekk jidher li hemm bzonn li jsiru t-testijiet necessarji tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-vera paternita' tal-minuri E B;

Illi *di piu'* jigi rilevat li tul is-snin, ir-rikorrent dejjem kien ben konsapevoli tal-fatt li kien hemm possibilita' zghira li E seta' ma kienx biologikament ibnu izda xorta wahda baqa' dejjem jitrattah bhala ibnu naturali;

Illi *ai termini* ta' Artikolu 2 (iii) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness mar-rikors odjern (Dok. A), ir-rikorrent accetta b'mod volontarju li jhallas is-somma ta' €116.47 bhala manteniment ghal kull minuri nkluz l-istess E B;

Illi l-kawza odjerna hija intenzjonata biss sabiex jivvessa lill-esponenti kif ukoll sabiex l-istess rikorrent jahrab mill-obbligi li huwa dahal ghalihom meta ffirma l-kuntratt tas-separazzjoni u cioe' l-hlas ta' manteniment ghall-minuri E B;

Illi *di piu'* stante li l-esponenti dejjem kienet sinciera dwar il-possibilita' li r-rikorrent jista' ma jkunx il-wild naturali tal-istess rikorrent, m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza;

Ghaldaqstant, in vista ta' dak suespost, l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fl-ahjar interess tal-minuri E B tichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom, u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet

xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghjar pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu jehtieg li l-kliem “*the said*” jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji tal-omm. Inoltre, jekk it-talbiet jintlaqghu jehtieg li r-rikorrent jindika x’ghandu jkun il-kunjom tal-minuri u dan ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

Tant ghandu x’jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza A B qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-minuri E li twieled waqt iz-zwieg bejn A u C B m’huwiex iben naturali tieghu.

Ikkunsidrat illi l-istess rikorrenti pprova lil din il-Qorti li dak li qed isostnu huwa minnu, dan partikolarment u essenzjalment permezz tar-rizultati tal-ezamijiet xjentifici esegwiti minn Dr. Renald Blundell u Dr. Burkhard Rolf li t-tnejn ikkonfermaw ir-rizultanzi bil-gurament. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u jisthoqq li tigi milqugha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna illi fl-Att tat-Twelid tal-minuri E, Nru. 4340 tal-1994, mill-kolonna bid-dettalji tal-missier jithassru l-konnotati ta' A B u jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf". Ghandhom jithassru ukoll il-kliem "*the said*" mill-kolonna bid-dettalji dwar l-omm.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn A u C B fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------